Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 28 ta' Marzu 2018

# IT: protezzjoni tad-drittijiet vs ksur tad-drittijiet?

**Is-sistemi tal-IT jistgħu jgħinu fir-rintraċċar ta' tfal migranti neqsin u fil-ġlieda kontra s-serq tal-identità. Iżda hemm ukoll riskji sinifikanti għad-drittijiet fundamentali tal-bnedmin, pereżempju meta ma jiġux ittrattati b'mod ġust fil-proċedura tal-ażil. Hekk sabet l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) f'rapport ġdid. Hekk kif l-awtoritajiet ikomplu dejjem iktar jistrieħu fuq dawn is-sistemi, ir-rapport jissuġġerixxi modi kif jiddefendu aħjar id-drittijiet ta' dawk affettwati.**

"*L-IT tagħti spinta lill-effiċjenza iżda x'inhuma r-riskji għad-drittijiet fundamentali?*" staqsaid-Direttur tal-FRAMichael O'Flaherty. "*Din il-mistoqsija, li spiss issir iżda rari tiġi eżaminata fid-dettal teħtieġ attenzjoni mill-qrib biex jiġi żgurat li jintlaqgħu d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Salvagwardji adegwati jgħinu biex jitnaqqas il-ksur tad-drittijiet u biex tinbena fiduċja fl-użu ikbar ta' sistemi tal-IT għal sigurtà mtejba u flussi ta' migrazzjoni b'inqas xkiel.*"

Peress li l-użu tas-sistemi tal-IT għall-migrazzjoni u s-sigurtà qiegħed dejjem jikber, ir-rapport '*Under watchful eyes – biometrics, EU IT-systems and fundamental rights*'('Taħt sorveljanza - il-bijometriċi, is-sistemi tal-IT tal-UE u d-drittijiet fundamentali') jesplora l-impatt ta' dawn is-sistemi. Dan jistabbilixxi wkoll kif għandhom jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-bnedmin:

- Madwar 50 % tal-uffiċjali tal-viża u tal-fruntieri Ewropej intervistati mill-FRA tkellmu dwar żbalji fl-entrati tad-data fis-sistemi tal-IT tagħhom. Dan jista' jirriżulta minn żbalji ortografiċi, nuqqas ta' interpretazzjoni, jew marki tas-swaba' li jiġu assenjati lill-persuna l-ħażina. Dan juri li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jsaħħu l-assigurazzjoni tal-kwalità. Dawn jenħtieġ ukoll li jiżguraw li n-nies ikunu jafu għalfejn qed tinġabar id-data u kif inhu faċli li tikkoreġi jew tħassar data personali mhux preċiża.
- Id-data tista' tiġi aċċessata mingħajr awtorizzazzjoni; reġimi oppressivi jistgħu jaċċessaw id-data ta' nies li jkunu jfittxu kenn; id-data tat-tfal tista' tistigmatizzahom meta jsiru adulti. Kwistjonijiet bħal dawn jitolbu salvagwardji b'saħħithom li jikkontrollaw l-aċċess għad-data kif ukoll modi li jimmonitorjaw kif qed tintuża d-data.

Is-sistemi tal-IT jistgħu jkunu wkoll ta' ġid. Kważi terz tal-gwardji tal-fruntieri ltaqgħu ma' tfal li kienu mmarkati bħala nieqsa. Dan juri kif is-sistemi tal-IT jisgħu jgħinu fir-rintraċċar ta' tfal neqsin jew traffikati. Jistgħu jipprovdu wkoll informazzjoni dwar nies li jaslu mingħajr dokumenti tal-ivvjaġġar jekk ikunu diġà fis-sistema. Għaldaqstant jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li n-nies ma jiġux rifjutati aċċess b'mod illegali.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara l-Mistoqsijiet u Tweġibiet u/jew ikkuntattja lil:** media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642

**Noti lill-edituri:**

- L-UE diġà għandha sistemi tal-IT għall-ġestjoni tal-fruntieri fuq skala kbira (is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-sistema EURODAC għall-identifikazzjoni ta' applikanti li jfittxu l-ażil) bi pjanijiet li jinħolqu iktar.

Tipproponi wkoll li dawn u sistemi tal-IT futuri jsiru interoperabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni.